MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2209/2004

**Moira Cassar (ID No. 94067M)**

**Vs**

**John Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Kont se nohrog, kien hemm il-karozzi li diehlin, waqfuli u hrigt u sibt lil JAA 614 harget *across the road* ghax baqghet tiela'."

L-attrici qalet:

"Kont hierga minn gol-*car park* u x'hin kont ser indur id-dawra, JNV 303 hareg minn gol-ahhar *car park* u dahal go fija. Jiena biex nipprova nevitah hrigt ftit 'il barra imma xorta lahaqni."

Ra x-xhieda ta' Warden 243 Clayton Frendo fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' l-attrici fejn tikkonferma li qalet fir-*Road Accident Report*. Tikkonferma wkoll illi kienet mghaggla dakinhar ta' l-incident. Tghid ukoll illi meta daret il-kisra ma ratux lill-konvenut. Tichad illi baqghet miexja meta sar l-impatt. Taqbel ma' l-iskizz.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi qabel l-incident kien ittawwal mir-rampa 'l isfel u ra li ma kien gej hadd. Ghalhekk beda jirriversja u dawk il-karozzi li kienu diehlin fil-*car park* waqfu u hu kompla hiereg. Jghid illi dak il-hin sab il-vettura ta' l-attrici warajh u kompliet issuq u spiccat kaxkritlu wara kollu.

Jikkonferma illi wara l-incident, l-attrici qaltlu li kienet mghaggla. Jghid ukoll illi fl-ebda mument ma ra lill-attrici.

Illi dan it-Tribunal irid jara jekk l-attrici gabitx bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi r-**Regolament 67 tal-MVR** jipprovdi:

"No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as

are required to avoid collisions and accidents with persons or to other vehicles on the road.”

Fil-kawza **Pulizija Vs J. Aquilina - Qorti Kriminali 12/3/1961** saret referenza ghas-sentenza tal-**Corte di Cassazione ta’ l-Italja** fejn gie ritenut:

“La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell’autoveicolo or per altra causa, no e’ in grado di vedera tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra.”

Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri - PA 11/7/1996** gie ddikjarat li sewwieq miexi b’lura ghandu b’mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

Illi l-konvenut bla dubju kellu jassigura li seta’ johrog mill-*parking* minghajr ma jostakola l-vetturi fil-*car park* u kellu wkoll izomm *a proper lookout*.

Illi ezatt wara l-habta l-konvenut qal:

“Kont se nohrog, kien hemm il-karozzi diehlin, waqfuli u hrigt u sibt lil JAA614……”

Illi l-konvenut kellu d-dover li jhares ukoll fid-direzzjoni li kienet gejja l-attrici qabel ma kompla jirriversja. Meta xehed il-konvenut qal li kien hares fid-direzzjoni fejn hemm ir-rampa u ma ra xejn, hareg u waqfu l-karozzi diehlin fil-*car park*. F’dan il-waqt hu jghid li:

“Jien komplejt hiereg.”

Ma jghidx li hu rega’ vverifika jekk kienux gejjin karozzi min-naha tar-rampa kif kellu l-obbligu li jaghmel. Fil-fatt fil-kontro-ezami hu jghid li fl-ebda mument ma ra lill-attrici.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Illi d-danni ma gewx ikkontestati.

Ghalhekk it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) komprizi dawk ta' l-Ittri Ufficjali, tal-parir ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) u l-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------